# BEATI U QADDISIN....SETTEMBRU

## L-ISEM IMQADDES TA' MARIJA VERGNI
## 12 TA' SETTEMBRU




Tmint ijiem wara t-twelid ta' Marija SSma, il-genituri taghha, San Gwakkin u Sant'Anna tawha l-isem ta' Marija. Fis-sena 1513 Ruma approvat il-festa ta' l-isem Mqaddes ta' Marija, wara li din originat gewwa Spanja. Kien il-Papa Innocent XI li estenda l-festa mall-Knisja Kattolika kollha fis-sena 1683 wara li r-re tal-Polonja, Gwanni Sobieski hareg rebbieh fuq it-torok fit-12 ta' Settembru 1683.

L-isem ta' Marija, li nghata lill-Omm divina, ma kienx moghti lilha mill-genituri taghha, u lanqas ma nghatalha mill-mohh jew ir-rieda tal-bniedem, bhalma hu l-każ tal-ismijiet l-ohra kollha li huma mposti fuq ulied il-bnedmin. Imma gie mis-sema, u nghatalha b'ordinanza divina. Dan huwa attestat minn San Girolmu (De Nat. MV), Sant Epifanju (Or. de Praes. Deip.), Sant Antoninu (Hist. p. 1, t. 4, c. 6, #10), u ohrajn.

L-Abbati Francone, waqt li jitkellem fuq dan is-suggett, jghid, "m'hemm l-ebda isem ieħor wara dak ta' l-Iben taghha, fis-sema jew fl-art, minn fejn imhuh piji jiehdu tant grazzja, tama u hlewwa"

Ikompli San Metodju li "ismek, O Omm Alla, huwa mimli bil-grazzji u l-barkiet divini."

Il-Vergni Mbierka stess rrivelat lil Santa Briġitta "li m'hemmx midneb fuq l-art, hu kemm hu, nieqes mill-imhabba ta' Alla, li minnu x-xitan ma jahrabx, jekk jinvoka l-isem qaddis tagħha b'determinazzjoni li jindem"

Kull darba li nlissnu l-isem taghha naffermaw il-qawwa taghha, nitolbu l-ghajnuna taghha u npoggu lilna nfusna taht il-protezzjoni taghha.

Innisslu fina devozzjoni u rispett lejn l-isem helu ta' Marija, nevitaw li nikkalpestaw isimha bhalma jaghmlu xi whud, li jaslu wkoll li jghidu li huma devoti ta' Marija Ssma. "L-isem ta' Marija huwa ferh ghall-qalb, ghazel ghall-halq u muzika ghall-widna", jghid San Antonin.